QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**André Borg**

Numru 319/2015

Illum it-tnejn (2) ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **André Borg**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, bin il-mejjet Anthony u Maria Concetta neé Mangion, imwieled il-Pietà, nhar it-12 ta' Frar 1986, residenti 148, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 098886(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited;

2. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 9 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduti tas-17 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 22 *et seq.*) u tat-28 ta' April 2016 (*a fol.* 29 *et seq.*) lil Carmen Galea (in rapprezentanza ta' ARRIVA Malta Limited) tixhed li l-imputat hallas kollox lura a saldu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 48) datata 11 ta' Lulju 2016 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-1 ta' Settembru 2016 (*a fol.* 50), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 48), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tal-1 ta' Settembru 2016 (*a fol.* 50), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li ghamel riferenza ghall-imsemmija imputazzjonijiet u ghall-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 48), u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li, waqt is-seduta tal-1 ta' Settembru 2016 (*a fol.* 50), id-difiza talbet li jigi mhejji *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Rat illi, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 65), il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 4 *et seq.*), il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li huwa hallas kollox lura a saldu, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u kif ukoll l-istqarrija (Dok. "JF 2" – *a fol.* 36 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni d-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Saviour Lia moghtija fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016 u kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tieghu fir-rapport (Dok. "SL 1") redatt minnu.

F'dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-*Probation* Lia jaghmel is-segwenti rakkomandazzjoni:

> "Fid-dawl tal-informazzjoni provduta, n-natura u l-konsegwenzi tal-kaz u tal-fatt li l-parti leza thallset lura ghad-danni li soffriet jindikaw li l-akkuzat jista' jibbenifika minn sentenza fil-komunita'. Tali sentenza tista' tippermetti lill-imsemmi li jkollu impieg, jahdem sabiex jikseb hajja ta' certu indipendenza, kif ukoll jindirizza l-aspetti msemmija fil-pjan ta' kura. Madankollu sabiex sentenza fil-komunita' tkun success hu jehtieg jimpenja ruhu li jindirizza l-vizzju tad-droga, jkun onest dwar il-problema tieghu. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi qed jigi rrakomandat lil din l-Onorabbli Qorti li l-imsemmi jitpogga taht Ordni ta' *Probation*, skont Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, bil-kundizzjoni li hu jibda u jlesti b'success programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata cans iehor sabiex jirriforma ruhu b'dan illi l-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **<u>L-AHHAR DARBA</u>** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans. Il-Qorti qieghda taghmilha cara wkoll mal-imputat li jekk m'huwiex ser jiehu din l-opportunita' li qed taghtih din il-Qorti, hemm konsegwenzi ferm serji. Il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rakkomandat mill-Ufficjal tal-*Probation*, u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba. L-imputat ser ikun obbligat li jibda, isegwi u jlesti b'success program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-11 ta' Lulju 2016 b'mod partikolari Artikoli 49, 50, 293, 294, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat André Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446

tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat André Borg taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat André Borg bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat André Borg.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**